MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 337/2007

**Talba Nru: 337/07VGD**

Maltacom p.l.c. (C22334)

Vs

Marianna Spiteri (ID 378357M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erba mija u hamsa u sittin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm465.32c) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici minghand

il-konvenuta in konnessjoni ma servizz telefoniku li jgib in-numru 21376110, liema servizz gie installat fil-fond bl-isem ‘Casa Annuna’, Basement Flat, Triq l-Ilma, Swieqi, skond diversi kontijiet mibghuta lill-konvenuta, li giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza, bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ erba mija u hamsa u sittin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm465.32c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.  L-ispejjez ta’ din il-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------